**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 9 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 70/01 AJD*

Albert Camileri

vs

Maltacom p.l.c.

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz prezentat fl-1 ta' Frar, 2001, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' erbgha u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm44.90) u dan wara li gie premess is-segwenti:
Albert Camilleri, l-attur, kien impjegat mal-Cable and Wireless Ltd. u wara mat-Telemalta Corporation sa ma rtira meta lahaq l-eta' ta' 61 sena fid-9 ta' Gunju, 1984; sa dakinhar kellu 113 xahar servizz mat-Telemalta Corporation.

Dak iz-zmien it-Telemalta Corporation kienet marbuta li mill-1 ta' Jannar, 1975, tipprovdi skema ta' pensjoni ghall-impjegati taghha simili ghal dik li kellu l-Gvern, liema pensjoni kellha tkun kalkolata, fil-kaz ta' dawk li jkunu gia' lahqu f'dik il-gurnata l-eta' ta' hamsin sena, fuq in-numru ta' snin li jkunu lahqu ghamlu mal-Korporazzjoni.

Albert Camilleri kellu salarju ta' elfejn, seba' mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm2,575.00) fis-sena meta rtira, u kien lahaq ghamel 113 xahar mat-Telemalta. Imma sa dakinhar il-Korporazzjoni ma kienitx ghadha ipprovdiet l-iskema msemmija; bhala konsegwenza l-attur spicca ma rcieva qatt il-pensjoni ta' hames mija u tmienja u tletin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm538.84) fis-sens li kienet tmissu skond din l-iskema.

Illum il-Maltacom p.l.c. ghandha fuqha l-obbligazzjonijiet kollha li kellha t-Telemalta Corporation; ghalkemm giet interpellata b'ittri fil-25 ta' Settembru, 2000, u f'Novembru, 2000, il-Maltacom spiccat ma hallsitx is-somma ta' erbgha u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm44.90) dovuta lill-attur ghax-xahar ta' Dicembru, 2000, liema somma tekwivali ghal dik li kienet tkun dovuta lill-attur taht l-iskema imsemmija.

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza bir-rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn din eccepiet is-segwenti:-
Fl-ewwel lok dan it-Tribunal huwa inkompetenti rationae valoris u rationae materiae.

Is-socjeta' eccipjenti tikkontesta bil-qawwa d-dritt pretiz mill-attur ghall-pensjoni minghandha.

It-talba attrici hija ghal parti zghira hafna minn pensjoni annwali pretiza mill-attur minghand is-socjeta' eccipjenti, likwidata unilateralment inkluzi arretrati u dan jirrizulta car mill-ittra ta' l-attur tal-25 ta' Settembru, 2000 (Dok. A). Ghalhekk hu sottomess li dan it-Tribunal hu inkompetenti.

Minghajr pregudizzju ghall-paragrafi precedenti, dan it-Tribunal hu inkompetenti rationae materiae ghaliex m'ghandux gurisdizzjoni jissindika l-ezercizzju ta' diskrezzjoni tal-Korporazzjoni Telemalta, korp imwaqqaf b'ligi tal-Ministru responsabbli ghat-telekomunikazzjonijiet u tas-socjeta' Maltacom p.l.c., liema materja hija riservata lill-Qrati Superjuri, ai termini tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Artikolu 469 A).

Bla pregudizzju ghall-fuq esposti eccezzjonijiet l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Maurice Zarb Adami u tal-attur. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' April, 2001, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' inkompetenza tat-Tribunal rationae valoris u rationae materiae.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-mertu tal-kawza jirrigwarda talba da parti tal-attur ghall-kundanna ghall-hlas tas-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' erbgha u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm44.90) li l-attur jghid li hija dovuta lilu ghax-xahar ta' Dicembru, 2000, liema somma tekwivali ghall-pensjoni li kien jircievi l-attur kieku s-socjeta'

attrici attwat l-iskema ta' pensjoni simili ghal dik li kellu l-Gvern skond ma tistabbilixxi l-klawzola 8 tal-ftehim li sar fit-23 ta' Lulju, 1975. Din il-klawzola tghid li "It is understood tha the Corporation will introduce a pension scheme similar to that operated by the Government. A similar provision will however be made to ensure that employees over the age of fifty years at the time of takeover will be entitled to a pension based on the years of service with the Corporation".

Illi l-attur waqt it-trattazzjoni tal-kawza ssottometta li huwa m'huwiex qed jitlob pensjoni minghand is-socjeta' attrici izda ammont ekwivalenti ghall-pensjoni li kieku kien jircievi kieku giet attwata l-iskema hawn fuq imsemmija.

Illi mill-provi u mid-dokumenti esibiti mill-partijiet jirrizulta ampjament li l-attur qieghed jippretendi li jircievi pensjoni annwali minghand is-socjeta' attrici. Jekk wiehed jara l-ittra mibghuta mill-konsulent legali tal-attur lis-socjeta' konvenuta fil-25 ta' Settembru, 2000 (esibita mar-risposta tas-socjeta' konvenuta u mmarkata Dok. A), jirrizulta inekwivokabilment li effettivament l-attur qed jitlob pensjoni minghand is-socjeta' konvenuta. F'din l-ittra il-konsulent legali tal-attur jghid hekk:-

*"Is-sur Albert Camilleri kellu servizz mat-Telemalta mill-1 ta' Jannar, 1975, sa meta rtira fl-eta' ta' 61 sena fid-9 ta' Gunju, 1984, jigifieri servizz ta' 113 xahar. Is-salarju tieghu f'dik il-gurnata li rtira kien elfejn u hames mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm2,575) fis-sena.*

*Isegwi li l-pensjoni tieghu skond 'a pension scheme similar to that by the Government' kienet tilhaq hames mija u tmienja u tletin liri Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm538.84) fis-sena (113/540 ta' Lm2,575) minn dakinhar li rtira."*

Del resto jrid jigi rilevat li fl-Avviz tat-talba l-attur stess jghid li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata b'diversi ittri u fost dawn l-ittri jsemmi proprju din hawn fuq imsemmija tal-25 ta' Settembru, 2000, is-socjeta' konvenuta spiccat ma hallsitx is-somma ta' erbgha u erbghin liri Maltin u disghin centezmu (Lm44.90) mitluba gha-xahar ta' Dicembru, 2000.

It-Tribunal jidhirlu ghalhekk li l-ammont li l-attur qed jitlob hija somma dovuta bhala pensjoni anke jekk huwa tul dawn il-proceduri ghazel li jsejhilha kumpens.

Illi s-socjeta' konvenuta qed tecepixxi l-inkompetenza rationae materiae u rationae valoris ta' dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi l-kawza.

Illi t-Tribunal jibda biex jghid li l-provi prodotti mill-partijiet u s-sottomissjonijiet maghmula mill-istess partijiet jindikaw li l-kwistjoni m'hijiex wahda ta' semplici

kreditu.

Illi s-socjeta' konvenuta esibiet kopja ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Mejju, 1999, fil-kawza fl-ismijiet 'Albert Camilleri et vs L-Avukat Richard Galea Debono noe' (Citaz. Numru 1202/93 NA) fejn il-Qorti ddecidiet li l-ftehim tat-23 ta' Lulju, 1975, u dak sussegwenti milhuq fis-sena 1981 huwa validu u vinkolanti u li l-Korporazzjoni konvenuta u cioe' l-Korporazzjoni Telemalta li issa saret Maltacom plc kienet inadempjenti fl-obbligi minnha assunti ai termini ta' dan il-ftehim u dan b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi skond il-ligi.

Illi f'din is-sentenza ma saret ebda likwidazzjoni ta' xi ammont li seta' kien dovut lill-atturi f'dik il-kawza bhala pensjoni mis-socjeta' konvenuta u dan proprju ghaliex f'dik il-kawza ma saritx talba f'dak is-sens mill-atturi. Kien ghal din ir-raguni li l-Qorti rriservat lill-atturi, u l-attur odjern kien wiehed minnhom, id-dritt ta' kull azzjoni ohra spettanti lilhom skond il-ligi.

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda proprju din l-azzjoni li ghamlet riferenza ghaliha l-Prim Awla tal-Qorti Civili. Ghalhekk jekk it-Tribunal jiddeciedi dwar il-mertu ta' din l-azzjoni huwa jrid qabel xejn jaghti nterpretazzjoni tal-klawzola 8 tal-ftehim tat-23 ta' Lulju 1975, citata aktar 'il fuq fis-sens li jrid jiddeciedi x'jammonta ghal "pension scheme similar to that operated by the Government" u konsegwentement ikun irid jistabilixxi x'inhuma l-parametri ta' tali "pension scheme" u dan ghaliex kif inghad aktar 'il fuq, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 1999 ma ddeciditx x'tip ta' "pension scheme" kellha tigi addottata mis-socjeta konvenuta u ma stabbilitx il-parametri ta' tali "pension scheme". Il-Prim Awla kull ma ddecidiet kien li l-ftehim tat-23 ta' Lulju 1975 kien ghadu vinkolanti.

Illi dan certament huwa 'l hinn mill-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal kif ipprovdut fl-Artikolu 3(2) tal-Att V tal-1995. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jaghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 t'Ottubru 1998 fil-kawza fl-ismijiet "Martin Aquilina pro et noe vs Moira Chircop", fejn il-Qorti tal-Appell stabbiliet li t-Tribunal ma kellux kompetenza sabiex jiddeciedi dwar kwistjonijiet "ta' natura kumplikata u mhux semplicement kwistjoni ta' hlas ta' kreditu sic et sempliciter".

Illi in oltre t-Tribunal huwa tal-fehma li huwa lanqas m'ghandu kompetenza "rationae valoris" sabiex jiddetermina l-azzjoni odjerna stante li mill-provi prodotti, u senjatament mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna, jidher illi l-vertenza ma tirrigwardax biss l-Lm44.90 hawn mitluba, izda tirrigwarda wkoll l-arretrati ta' pensjoni dovuti, liema arretrati huma ferm oltre l-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Fil-fatt fl-avviz tat-talba l-attur jaghmel rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lilu.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ma jistax, kif fil-fatt ghamel meta ntavola l-azzjoni odjerna, arbitrarjament u unilateralment jillikwida l-pensjoni dovuta lilu mis-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjonijiet dwar l-inkompetenza 'rationae materiae' kif ukoll dik dwar l-inkompetenza 'rationae valoris' sollevati mis-socjeta' konvenuta u jiddikjara ruhu inkompetenti milli jiehu konjizzjoni tal-kaz odjern, u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess kaz, u jillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR